

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

13391/25

**ENV 914
CLIMA 380**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Aspetti ambjentali tal-Patt Ewropew għall-Oċeani: Il-preżervazzjoni tal-bijodiversità marina - Skambju ta' fehmiet

1. Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani¹. Il-Patt huwa strateġija komprensiva biex l-oċean jiġi protett aħjar, tiġi promossa ekonomija blu prosperuża u jiġi appoġġat il-benessri tan-nies li jgħixu f'żoni kostali. Il-protezzjoni u r-restawr tas-saħħa tal-oċeani huma waħda mis-sitt prijoritajiet tal-Patt.
2. Sabiex tiggwida l-iskambju ta' fehmiet dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fil-21 ta' Ottubru 2025, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u żewġ mistoqsijiet, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza u jibagħtu lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet imsemmi hawn fuq.

¹ Dok. 9876/25 – COM(2025) 281 final.

**Aspetti ambjentali tal-Patt Ewropew għall-Oċeani: Il-preżervazzjoni tal-bijodiversità marina
- Skambju ta' fehmiet -**

Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza bil-mistoqsijiet għall-ministri

L-oċean u l-ibħra huma essenzjali għall-ħajja fid-dinja u għall-prosperità, il-kompetittività, is-sigurtà u għal futur sostenibbli. Minkejja dan, l-ambjent marin qed jiddeterjora minħabba l-effetti kumulattivi tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis, u l-isfruttament żejjed tar-riżorsi marini. Dawn il-pressjonijiet huma aggravati aktar minn attivitajiet oħra u minn theddid li qed jikber.

Biex tindirizza dawn l-isfidi, fil-5 ta' Lulju 2025 il-Kummissjoni ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha għal Patt Ewropew għall-Oċeani. Il-Patt jintroduċi viżjoni ġdida għal Unjoni tal-Oċeani, mirfuda minn qafas ta' governanza aktar b'saħħtu biex jiġi żgurat l-allinjament tal-azzjonijiet marbuta mal-oċeani tagħna u tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar tal-leġislazzjoni tal-UE kif ukoll miri kemm vinkolanti kif ukoll aspirazzjonali dwar il-preżervazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani. Flimkien mal-Patt, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll l-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma.

Għall-ewwel darba, huwa pprovdut approċċ olistiku fl-oqsma u s-setturi ta' politika kollha. Il-Patt jistabbilixxi sitt prijoritajiet: 1) il-protezzjoni u r-restawr tas-saħħa tal-oċean, 2) it-tiżiħ tal-kompetittività sostenibbli tal-ekonomija blu, 3) l-appoġġ għall-komunitajiet kostali, tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi, 4) l-avvanz tar-riċerka, l-għarfien, il-ħiliet u l-innovazzjoni marbuta mal-oċeani, 5) it-tiżiħ tas-sigurtà u d-difiża marittima bħala prerekwiżit, u 6) it-tiżiħ tad-diplomazija tal-UE dwar l-oċeani u l-governanza internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

L-interrelazzjoni kumplessa bejn il-miri marbuta mal-oċeani f'oqsma ta' politika u setturi differenti hija murija hawn taħt (ara l-paġna 2 tal-Patt):

MIRI RELATATI MAL-OĊĊANI FIL-LEĖIŻLAZZJONI U L-POLITIKA TAL-UE – għażla



Il-Kapitolu 2 tal-Patt jiffoka b'mod speċifiku fuq approċċ integrat għas-saħħa u s-sostenibbiltà tal-oċċani, li mhux biss jindirizza l-protezzjoni u r-restawr tal-ħajja marina u s-servizzi essenzjali tal-ekosistema tal-oċċani iżda jinkludi wkoll ir-rwol tal-oċċan bħala alleat fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-attivitajiet marini u l-indirizzar tat-tniġġis tal-baħar u tal-ilma ħelu permezz ta' approċċ mis-sors għall-baħar huma enfasizzati.

Il-Patt jenfasizza wkoll l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fil-ġestjoni tal-attivitajiet marini, kif deskritt fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), u li huma meħtieġa passi ulterjuri sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb. Il-Kummissjoni qed tippjana wkoll reviżjoni tal-MSFD sabiex taċċellera l-progress.

Il-Patt jirrikonoxxi li l-ekosistema marina u dik kostali jiffaċċaw theddid sinifikanti mit-tniġġis, inkluż nutrijenti minn attivitajiet fuq l-art u fil-baħar. Biex tindirizza s-sorsi ta' tniġġis li joriġina mill-art, il-Kummissjoni beħsiebha wkoll issaħħaħ approċċ mis-sors għall-baħar, permezz tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma, u tappoġġa lill-komunitajiet kostali fil-ġlieda kontra t-tniġġis li joriġina mill-art, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol tagħhom bħala gwardjani bejn it-tniġġis tal-art u d-degradazzjoni tal-ekosistemi marini.

Il-habitats marini u l-wirt kulturali - mill-alka tal-qiegħ sal-mangrovji - għadhom taħt pressjoni mill-attivitajiet tal-bniedem fuq l-art u fil-baħar, li jintensifikaw l-impatti tat-tibdil fil-klima. Il-Patt jipproponi azzjoni bbażata fuq erba' prinċipji gwida: (1) approċċ lejn it-tniġġis li jkun mis-sors għall-baħar; (2) il-prinċipju ta' prekawzjoni; (3) it-tfassil tal-politika bbażat fuq ix-xjenza; u (4) approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi. L-għan tiegħu hu li tinkiseb koerenza akbar bejn is-setturi rilevanti kollha.

Il-Patt jirrikonoxxi wkoll il-pressjonijiet li qed jikbru mill-attivitajiet marittimi bħall-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura, it-tbaħħir, it-turiżmu, u r-rikreazzjoni. Ir-restawr tal-ekosistemi u tal-bijodiversità jista' fl-istess ħin jgħin biex jittaffa t-tibdil fil-klima billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-qbid tal-karbonju naturali tal-oċean.

Minkejja t-titjib f'xi oqsma, ma nkisibx status ambjentali tajjeb (GES) fl-ilmijiet marini Ewropej kollha. Barra minn hekk, minkejja r-rwol kruċjali ta' Żoni Marini Protetti (MPAs) konnessi sew u ġestiti b'mod effettiv bħala mezz biex jiġu protetti u restawrati l-ekosistemi u x-xbieki alimentari, bħalissa 12.3 % biss tal-ilmijiet tal-UE huma kkunsidrati protetti. Il-mira tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal li jiġu protetti 30 % tal-oċeani sal-2030 u l-mira li jiġu strettament protetti 10 % tal-ibħra tal-UE sal-2030 stabbiliti fl-Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għadhom ma ntlaħqux. B'riżultat ta' dan, it-titjib u s-sostenn tas-saħħa tal-oċean ser jirrikjedu innovazzjoni, kollaborazzjoni, u impenn fis-setturi kollha — fil-livell lokali, Ewropew u globali.

F'dan il-kuntest, il-Ftehim globali dwar il-Bijodiversità Lil Hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (il-Ftehim BBNJ) għandu l-potenzjal għal żvilupp pożittiv sinifikanti fil-konservazzjoni marina bil-possibbiltà li n-nazzjonijiet jistabbilixxu MPAs fuq skala kbira fl-ibħra internazzjonali - li jkopru żewġ terzi tal-oċeani tagħna. F'Settembru, il-Ftehim BBNJ laħaq s-60 ratifika meħtieġa, u għalhekk ser jidħol fis-seħħ f'Jannar 2026. Ir-ratifika mill-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva, issa huma essenzjali biex jiġu żgurati l-ekosistemi marini mad-dinja kollha iżda anki biex jinżammu t-tmexxija u l-ambizzjoni globali tal-UE fil-governanza tal-oċeani.

Mistoqsijiet lill-ministri

Il-ministri huma mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. X'taħsbu li huma l-isfidi u l-ostakli ewlenin biex jiġi żgurat status ambjentali tajjeb fl-oċeani tagħna? U x'inhuma l-istrumenti ewlenin neqsin f'dak ir-rigward?
2. Liema elementi tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina tixtiequ taraw aġġustati - u kif - bħala l-aħjar għajnuna biex tiġi implimentata l-viżjoni tal-Patt għall-Oċeani?
